IL-BIRGU
Città Vittoriosa

**Kunsill Lokali Birgu**
Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

AVEC
Youth in Action Programme
MEU SAC Malta-EU Steering & Action Committee
eupa
FTZ
ALDA
COHEIRS
ORALITIES
ARCHI MED
QUALICITIES. DÉVELOPPEMENT DURABLE DES VILLES DE CULTURE QUALITY BRAND OF SUSTAINABLE CULTURAL CITIES
EUROPEAN association Historic Towns & Regions

# Minuti tal-laqgħa 43 (06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għal laqgħa numru 43 (06) nhar it-Tlieta , 25 ta' Novembru, 2014 fil-4.30 (fl-erbgha u nofs) ta' wara nofsinhar fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berġa ta' Franza.

It-tlieta u erbghin (43) Laqgha tas-Sitt Kunsill inzammet b'din l-Agenda:-

1. Approvazzjoni tar- Rapport Finanzjarju sa Gunju 2014
2. Approvazzjoni tal-Performance Bonus u l-Performance Appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv ghas-sena 2014

**Prezenti**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, il-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel, u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Attard.

Il-Vici-Sindku s-Sur Trevor Mizzi kien skuzat.

Il-Kunsillier is-Sur Alan Cassar kien skuzat.

Is-Sinjura Fiona Said, Segretarju Ezekuttiv.

## Talba

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

## Bidu tal-Laqgha

1. Approvvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sa Gunju 2014

1.1 Is-Sindku is-Sur John Boxall ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, ir-rapport Finanzjarju minn Jannar 2014 sa Gunju 2014.

1.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall stieden lill-accountants tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, il-kumpanija Nexia BT sabiex taghti spjegazzjoni tal-kontenut tar-rapport.

1.3 Is-Sur Christian Zammit, rapprezentant tal-kumpanija Nexia BT spjega li f'dan l-istadju il-qaghda finanzjarja tal-Kunsill Lokali tal-Birgu kienet sejra ghall-ahjar fejn il-kredituri naqsu komparat mas-sena 2013.

1.4 Wara diskussjoni dwar din is-sitwazzjoni, is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju minn Jannar sa Gunju 2014. Ir-Rapport Finanzjarju sa Gunju 2014 gie approvat unanimament minn dawk prezenti.

*F'dan l-istadju tal-Laqgha, l-accountants tal-Kunsill hallew il-Kamra*

2. Approvazzjoni tal-Performance Bonus u l-Performance Appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv ghas-sena 2014

2.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qal li minkejja id-diffikultajiet li l-Kunsill Lokali tal-Birgu kien jinsab fihom, is-Segretarju Ezekuttiv , is-Sinjura Fiona Said kienet qed tipprova taghmel mill-ahjar li tista sabiex is-sitwazzjoni specjalment dik finanzjarja tmur ghall-ahjar u dwar dan il-membri tal-Kunsill prezenti ikkonfermaw.

2.2 Wara li s-Sindku s-Sur John Boxall kien iddiskuta mas-Segretarju Ezekuttiv il-proposta qabel il-Laqgha tal-Kunsill, is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li is-Sinjura Fiona Said tinghata 9% tas-Salarju minn April 2014 sa Dicembru 2014. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 ta' filghaxija.

Fiona Said
Segretarju Eżekuttiv

ikkonfermati John Boxall
Sindku

AVEC
Youth in Action Programme
MEU SAC Malta-EU Steering & Action Committee
eupa
FTZ
ALDA
COHEIRS
ORALITIES
ARCHIMED
QUALICITIES.
DÉVELOPPEMENT DURABLE DES VILLES DE CULTURE
QUALITY BRAND OF SUSTAINABLE CULTURAL CITIES
EUROPEAN association Historic Towns & Regions